REGOLAMENT TAL-KUNSILL (UE) Nru 960/2014

tat-8 ta' Settembru 2014

li jemenda r-Regolament (UE) Nru 833/2014 dwar miżuri restrittivi fid-dawl tal-azzjonijiet tar-Russja li jiddestabbilizzaw is-sitwazzjoni fl-Ukraina

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 215 tiegħu,

Wara li kkunsidra d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2014/659/PESK tat-8 ta' Settembru 2014 li temenda d-Deċiżjoni 2014/512/PESK dwar miżuri restrittivi fid-dawl tal-azzjonijiet tar-Russja li jiddestabbilizzaw is-sitwazzjoni fl-Ukraina ([1]),

Wara li kkunsidra l-proposta konġunta tar-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika tas-Sigurtà u tal-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

(1) Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 833/2014 ([2]) jagħti effett lil ċerti miżuri previsti fid-Deċiżjoni tal-Kunsill 2014/512/PESK ([3]). Dawk il-miżuri jinkludu restrizzjonijiet fuq l-esportazzjoni ta' prodotti u teknoloġiji b'użu doppju, restrizzjonijiet fuq il-forniment ta' servizzi relatati u fuq ċerti servizzi relatati mal-forniment ta' armi u apparat militari, restrizzjonijiet fuq il-bejgħ, il-forniment, it-trasferiment jew l-esportazzjoni, direttament jew indirettament, ta' ċerti teknoloġiji għall-industrija taż-żejt fir-Russja fil-forma ta' rekwiżit ta' awtorizzazzjoni minn qabel, u restrizzjonijiet fuq l-aċċess għas-suq kapitali għal ċerti istituzzjonijiet finanzjarji.

(2) Il-Kapijiet ta' Stat jew ta' Gvern tal-Unjoni Ewropea talbu li ssir ħidma preparatorja dwar aktar miżuri mmirati biex ikunu jistgħu jittieħdu passi ulterjuri mingħajr dewmien.

(3) Fid-dawl tal-gravità tas-sitwazzjoni, il-Kunsill hu tal-fehma li jixraq li jieħu aktar miżuri restrittivi b'reazzjoni għall-azzjonijiet tar-Russja li jiddestabbilizzaw is-sitwazzjoni fl-Ukraina.

(4) F'dan il-kuntest, jixraq li jiġu applikati restrizzjonijiet addizzjonali fuq l-esportazzjoni ta' prodotti u teknoloġiji b'użu doppju, kif stipulat fir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 428/2009 ([4]).

(5) Barra minn hekk, il-forniment ta' servizzi għall-esplorazzjoni u l-produzzjoni taż-żejt fl-ilmijiet fondi, l-esplorazzjoni u l-produzzjoni taż-żejt fl-Artiku jew proġetti taż-żejt tax-shale għandhom ikunu pprojbiti.

(6) Biex issir pressjoni fuq il-Gvern Russu, huwa xieraq ukoll li jiġu applikati restrizzjonijiet ulterjuri fuq l-aċċess għas-suq tal-kapital għal ċerti istituzzjonijiet finanzjarji, li jeskludi istituzzjonijiet ibbażati fir-Russja bi status internazzjonali stabbiliti permezz ta' ftehimiet intergovernattivi mar-Russja bħala waħda mill-azzjonisti; restrizzjonijiet fuq persuni ġuridiċi, entitajiet jew korpi stabbiliti fir-Russja fis-settur tad-difiża, bl-eċċezzjoni ta' dawk li huma attivi l-aktar fl-industrija tal-ispazju u tal-enerġija nukleari; u restrizzjonijiet fuq persuni ġuridiċi, entitajiet jew korpi stabbiliti fir-Russja li l-attivitajiet prinċipali tagħhom jirrigwardaw il-bejgħ jew it-trasport taż-żejt mhux maħdum jew ta' prodotti petroliferi. Servizzi finanzjarji oħra mhux imsemmija fl-Artikolu 5 tar-Regolament (UE) Nru 833/2014, bħal servizzi ta' depożitu, servizzi ta' ħlas, servizzi ta' assigurazzjoni, self mill-istituzzjonijiet imsemmija fl-Artikolu 5(1) u (2) ta' dak ir-Regolament u derivati li jintużaw għal skopijiet ta' hedging fis-suq tal-enerġija mhumiex koperti minn dawn ir-restrizzjonijiet. Is-self għandu jitqies bħala self ġdid biss jekk ikun miġbud wara t-12 ta' Settembru 2014.

(7) Dawn il-miżuri jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tat-Trattat u, għalhekk, b'mod partikolari bil-ħsieb li tiġi żgurata l-applikazzjoni uniformi tiegħu fl-Istati Membri kollha, hija neċessarja azzjoni regolatorja fil-livell tal-Unjoni.

(8) Sabiex ikun żgurat li l-miżuri previsti f'dan ir-Regolament ikunu effettivi, dan għandu jidħol fis-seħħ immedjatament,

([1]) Ara l-paġna 54 ta' dan il-Ġurnal Uffiċjali.
([2]) Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 833/2014 tal-31 ta' Lulju 2014 dwar miżuri restrittivi fid-dawl tal-azzjonijiet tar-Russja li jiddestabbilizzaw is-sitwazzjoni fl-Ukraina (ĠU L 229, 31.7.2014, p. 1).
([3]) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2014/512/PESK tal-31 ta' Lulju 2014 dwar miżuri restrittivi fid-dawl tal-azzjonijiet tar-Russja li jiddestabbilizzaw is-sitwazzjoni fl-Ukraina (ĠU L 229, 31.7.2014, p. 13).
([4]) Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 428/2009 tal-5 ta' Mejju 2009 li jistabbilixxi reġim Komunitarju għall-kontroll tal-esportazzjonijiet, it-trasferiment, is-senserija u t-transitu ta' oġġetti b'użu doppju (ĠU L 134, 29.5.2009, p. 1).

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Ir-Regolament (UE) Nru 833/2014 huwa emendat kif ġej:

(1) Fl-Artikolu 1, il-punti (e) u (f), huma sostitwiti b'dan li ġej:

"(e) 'servizzi ta' investiment' tfisser is-servizzi u l-attivitajiet li ġejjin:

(i) ir-riċezzjoni u t-trasmissjoni ta' ordnijiet rigward strument finanzjarju wieħed jew iktar,

(ii) l-eżekuzzjoni ta' ordnijiet f'isem il-klijenti,

(iii) in-negozjar fl-isem proprju,

(iv) il-ġestjoni ta' portafoll,

(v) konsulenza dwar l-investiment,

(vi) is-sottoskrizzjoni ta' strumenti finanzjarji u/jew it-tqegħid ta' strumenti finanzjarji fuq bażi ta' impenn irrevokabbli,

(vii) it-tqegħid ta' strumenti finanzjarji mingħajr bażi ta' impenn irrevokabbli,

(viii) kwalunkwe servizz relatat mal-ammissjoni għan-negozjar f'suq regolat jew negozjar f'faċilità multilaterali tan-negozjar;

(f) 'titoli trasferibbli' tfisser il-klassijiet segwenti ta' titoli li huma negozjabbli fis-suq kapitali, bl-eċċezzjoni tal-istrumenti ta' ħlas:

(i) ishma f'kumpaniji jew titoli oħra ekwivalenti għall-ishma f'kumpaniji, sħubijiet jew entitajiet oħra, ċertifikati ta' depożitu rigward l-ishma,

(ii) il-kambjali jew forom oħra ta' dejn garantit, inklużi ċertifikati ta' depożitu rigward dawn it-titoli,

(iii) kwalunkwe titolu ieħor li jagħti d-dritt għax-xiri jew il-bejgħ ta' kwalunkwe titolu trasferibbli ta' dan it-tip;".

(2) Jiddaħħal l-Artikolu li ġej:

"Artikolu 2a

1. Għandhom ikunu pprojbiti l-bejgħ, il-forniment, it-trasferiment jew l-esportazzjoni, direttament jew indirettament, ta' prodotti u teknoloġija b'użu doppju kif inklużi fl-Anness I għar-Regolament 428/2009, kemm jekk joriġina fl-Unjoni kif ukoll le, lil persuni fiżiċi jew ġuridiċi, entitajiet jew korpi fir-Russja kif elenkati fl-Anness IV għal dan ir-Regolament.

2. Għandu jkun ipprojbit:

(a) li jingħataw għajnuna teknika, servizzi ta' senserija jew servizzi oħrajn relatati mal-prodotti jew it-teknoloġija stabbiliti fil-paragrafu 1 u l-forniment, il-manifattura, il-manutenzjoni u l-użu ta' dawn il-prodotti u t-teknoloġija, b'mod dirett jew indirett lil kwalunkwe persuna, entità jew korp fir-Russja, kif elenkat fl-Anness IV;

(b) li jingħataw finanzjament jew għajnuna finanzjarja relatati mal-prodotti u t-teknoloġija msemmija fil-paragrafu 1, inklużi b'mod partikolari għotjiet, self u assigurazzjoni tal-kreditu għall-esportazzjoni, għal kwalunkwe bejgħ, forniment, trasferiment jew esportazzjoni ta' dawn il-prodotti jew it-teknoloġija, jew għall-għoti ta' għajnuna teknika relatata, servizzi ta' senserija jew servizzi oħra, b'mod dirett jew indirett lil kwalunkwe persuna, entità jew korp fir-Russja, kif elenkat fl-Anness IV.

3. Il-projbizzjonijiet fil-paragrafi 1 u 2 għandhom ikunu mingħajr preġudizzju għall-eżekuzzjoni ta' kuntratti jew ftehimiet konklużi qabel it-12 ta' Settembru 2014 u għall-forniment tal-assistenza neċessarja għall-manutenzjoni u s-sikurezza tal-kapaċitajiet eżistenti fl-UE.

4. Il-projbizzjoni fil-paragrafi 1 u 2 ma għandhiex tapplika għall-bejgħ, il-forniment, it-trasferiment jew l-esportazzjoni ta' prodotti u teknoloġija b'użu doppju maħsuba għall-industrija tal-ajrunawtika u tal-ispazju, jew il-forniment ta' għajnuna teknika jew finanzjarja relatata, għal użu mhux militari u għal utent aħħari mhux militari, kif ukoll għall-manutenzjoni u s-sikurezza ta' kapaċitajiet nukleari ċivili eżistenti fl-UE, għal użu mhux militari u għal utent aħħari mhux militari.".

(3) Jiddaħħal l-Artikolu li ġej:

"Artikolu 3a

1. Għandu jkun ipprojbit il-forniment, direct jew indirett, tas-servizzi assoċjati li ġejjin meħtieġa għall-esplorazzjoni u l-produzzjoni taż-żejt fl-ilma fond, għall-esplorazzjoni u l-produzzjoni taż-żejt fl-Artiku jew għal proġetti taż-żejt tax-shale fir-Russja:

(i) tħaffir, (ii) ittestjar ta' bjar, (iii) servizzi ta' llogjar u tlestija, (iv) forniment ta' bastimenti speċjalizzati li jżommu f'wiċċ l-ilma.

2. Il-projbizzjonijiet fil-paragrafu 1 għandhom ikunu mingħajr preġudizzju għall-eżekuzzjoni ta' obbligu li jirriżulta minn kuntratt jew ftehim qafas konklużi qabel it-12 ta' Settembru 2014 jew kuntratti anċillari meħtieġa għall-eżekuzzjoni ta' tali kuntratti.

3. Il-projbizzjoni fil-paragrafu 1 ma għandhiex tapplika fejn is-servizzi inkwistjoni jkunu neċessarji għall-prevenzjoni jew il-mitigazzjoni urġenti ta' avveniment li probabbilment ikollu impatt serju u sinifikanti fuq is-saħħa u s-sikurezza tal-bniedem jew l-ambjent.".

(4) Fl-Artikolu 4(1), il-punt (b) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(b) biex jipprovdi, direttament jew indirettament, finanzjament jew assistenza finanzjarja relatata mal-prodotti u t-teknoloġiji elenkati fl-Elenku Militari Komuni, inkluż b'mod partikolari għotjiet, self u assigurazzjoni jew garanziji ta' kreditu għall-esportazzjoni, kif ukoll assigurazzjoni u riassigurazzjoni għal kwalunkwe bejgħ, forniment, trasferiment jew esportazzjoni ta' tali oġġetti, jew għal kwalunkwe forniment ta' assistenza teknika relatata, lil kwalunkwe persuna fiżika jew ġuridika, entità jew korp fir-Russja jew għall-użu fir-Russja;".

(5) L-Artikolu 5 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"Artikolu 5

1. Għandu jkun ipprojbit li, direttament jew indirettament, jinxtraw, jinbiegħu jew jiġu pprovduti servizzi ta' investiment jew li tingħata assistenza fil-ħruġ ta', jew inkella li jsir negozjar ta' titoli trasferibbli u strumenti tas-suq tal-flus b'maturità li taqbeż id-90 jum, maħruġa wara l-1 ta' Awwissu 2014 sat-12 ta' Settembru 2014, jew b'maturità li taqbeż it-30 jum, maħruġa wara t-12 ta' Settembru 2014 minn:

(a) istituzzjoni ewlenija tal-kreditu, jew istituzzjoni ewlenija oħra li jkollha mandat espliċitu li tippromwovi l-kompetittività tal-ekonomija Russa, id-diversifikazzjoni tagħha u tinkoraġġixxi l-investiment, stabbilita fir-Russja b'iktar minn 50 % ta' sjieda pubblika jew kontroll pubbliku fl-1 ta' Awwissu 2014, kif elenkata fl-Anness III; jew

(b) persuna ġuridika, entità jew korp stabbilit barra l-Unjoni li iktar minn 50 % tad-drittijiet proprjetarji tiegħu jkunu direttament jew indirettament proprjetà ta' entità elenkata fl-Anness III; jew

(c) persuna ġuridika, entità jew korp li jaġixxi f'isem jew taħt id-direzzjoni ta' entità msemmija fil-punt (b) ta' dan il-paragrafu jew elenkata fl-Anness III.

2. Għandu jkun ipprojbit li b'mod direct jew indirett jinxtraw, jinbiegħu, jiġu pprovduti servizzi ta' investiment għal, jew assistenza fil-ħruġ ta', jew li b'xi mod ieħor isir negozjar f'titoli trasferibbli u strumenti fis-suq tal-flus b'maturità li taqbeż it-30 jum, maħruġa wara t-12 ta' Settembru 2014 minn:

(a) persuna ġuridika, entità jew korp stabbiliti fir-Russja involuti b'mod predominanti f'attivitajiet tal-konċepiment, il-produzzjoni, il-bejgħ jew l-esportazzjoni ta' tagħmir jew servizzi militari, kif elenkati fl-Anness V, minbarra persuni ġuridiċi, entitajiet jew korpi attivi fis-setturi tal-ispazju jew tal-enerġija nukleari;

(b) persuna ġuridika, entità jew korp stabbiliti fir-Russja, taħt kontroll pubbliku jew li aktar minn 50 % tagħhom jaqa' taħt sjieda pubblika u li għandhom assi totali stmati ta' aktar minn triljun rublu Russu, u li tal-inqas 50 % tad-dħul stmat tagħhom joriġina mill-bejgħ jew it-trasport taż-żejt mhux maħdum jew ta' prodotti petroliferi, kif elenkati fl-Anness VI;

(c) persuna ġuridika, entità jew korp stabbiliti barra l-Unjoni li iktar minn 50 % tad-drittijiet proprjetarji tagħhom ikun, direttament jew indirettament, taħt is-sjieda ta' entità elenkata fil-punt (a) jew (b) ta' dan il-paragrafu; jew

(d) persuna ġuridika, entità jew korp li jaġixxu f'isem jew taħt id-direzzjoni ta' entità msemmija fil-punt (a), (b) jew (c) ta' dan il-paragrafu.

3. Għandu jkun ipprojbit li direttament jew indirettament wieħed jagħmel jew ikun parti minn kwalunkwe arranġament li jagħmel self ġdid jew kreditu b'maturità li taqbeż it-30 jum lil kwalunkwe persuna ġuridika, entità jew korp imsemmija fil-paragrafu 1 jew 2, wara t-12 ta' Settembru 2014 ħlief għal self jew kreditu li għandu objettiv speċifiku u dokumentat li jipprovdi finanzjament għal importazzjonijiet jew esportazzjonijiet mhux ipprojbiti ta' oġġetti u servizzi mhux finanzjarji bejn l-Unjoni u r-Russja jew għal self li għandu objettiv speċifiku u dokumentat li jipprovdi finanzjament ta' emerġenza biex jissodisfa kriterji ta' solvenza u likwidità għal persuni ġuridiċi stabbiliti fl-Unjoni, li d-drittijiet proprjetarji tagħhom jappartjenu għal iktar minn 50 % lil kwalunkwe entità msemmija fl-Anness III.".

(5a) Il-punt (a) tal-Artikolu 11(1) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(a) entitajiet imsemmijin fil-punti (b) u (c) tal-Artikolu 5(1) u l-punti (c) u (d) tal-Artikolu 5(2), jew elenkati fl-Annessi III, IV, V u VI;".

(6) L-Artikolu 12 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"Artikolu 12

Għandha tkun ipprojbita l-parteċipazzjoni, konxja u intenzjonali, f'attivitajiet li l-objettiv jew l-effett tagħhom ikun li jevitaw il-projbizzjonijiet imsemmija fl-Artikoli 2, 2a, 3a, 4, jew 5, inkluż billi wieħed jaġixxi bħala sostitut għall-entitajiet imsemmija fl-Artikolu 5, jew billi jintużaw l-eċċezzjonijiet fl-Artikolu 5(3) biex jiġu finanzjati entitajiet imsemmija fl-Artikolu 5.".

(7) L-Anness I għal dan ir-Regolament huwa miżjud bħala l-Anness IV.

(8) L-Anness II għal dan ir-Regolament huwa miżjud bħala l-Anness V.

(9) L-Anness III għal dan ir-Regolament huwa miżjud bħala l-Anness VI.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fid-data tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u jkun applikabbli direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-8 ta' Settembru 2014.

Għall-Kunsill

Il-President

S. GOZI

ANNESS I

"ANNESS IV

Lista ta' persuni fiżiċi jew ġuridiċi, entitajiet jew korpi msemmija fl-Artikolu 2a

JSC Sirius (optoelettronika għal skopijiet ċivili u militari)
OJSC Stankoinstrument (inġinerija mekkanika għal skopijiet ċivili u militari)
OAO JSC Chemcomposite (materjali għal skopijiet ċivili u militari)
JSC Kalashnikov (armi ta' kalibru żgħir)
JSC Tula Arms Plant (sistemi tal-armamenti)
NPK Technologii Maschinostrojenija (munizzjon)
OAO Wysokototschnye Kompleksi (sistemi kontra l-inġenji tal-ajru u t-tankijiet tal-gwerra)
OAO Almaz Antey (impriża tal-istat; armi, munizzjon, riċerka)
OAO NPO Bazalt (impriża tal-istat, produzzjoni ta' makkinarju għall-produzzjoni ta' armi u munizzjon)".

ANNESS II

"ANNESS V

Lista ta' persuni, entitajiet u korpi msemmija fl-Artikolu 5(2)(a)

OPK OBORONPROM
UNITED AIRCRAFT CORPORATION
URALVAGONZAVOD".

ANNESS III

"ANNESS VI

Lista ta' persuni, entitajiet u korpi msemmija fl-Artikolu 5(2)(b)

ROSNEFT
TRANSNEFT
GAZPROM NEFT".
